



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.5.2016
COM(2016) 290 final

2016/0142 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-
ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri
esterni u daww iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa**

(reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Wara d-deċiżjonijiet dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, fl-2011 il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi “klawżola ta’ salvagwardja għall-viżi” fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001¹ li jkun jippermetti s-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini ta’ pajjiż terz għal perjodu qasir ta’ żmien, bħala kwistjoni ta’ urġenza, u abbażi ta’ kriterji definiti, sabiex issolvi d-diffikultajiet iffaċċjati minn wieħed jew aktar mill-Istati Membri f’każ ta’ żieda sostanzjali u f’daqqa fil-migrazzjoni irregolari jew l-applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi, applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati, ippreżentati minn Stat Membru lejn il-pajjiż terz konċernat².

Fil-11 ta’ Diċembru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1289/2013³, li emenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 billi introduċa l-hekk imsejjaħ “mekkaniżmu ta’ sospensjoni” u mmodifika l-mekkaniżmu ta’ reċiproċità eżistenti.

Dan il-mekkaniżmu ta’ sospensjoni fl-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 jippermetti s-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini ta’ pajjiż terz f’ċerti sitwazzjonijiet ta’ emerġenza, bħala l-aħħar alternattiva. Dan jista’ jiġi skattat minn kull Stat Membru billi jinnotifika lill-Kummissjoni li huwa kkonfrontat, fuq perjodu ta’ sitt xhur, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew mal-aħħar sitt xhur qabel il-liberalizzazzjoni tal-viża f’dak il-pajjiż, b’ċirkostanzi li jwasslu għal sitwazzjoni ta’ emerġenza li l-Istat Membru inkwistjoni ma jkunx jista’ jirrimedja waħdu.

Dawn iċ-ċirkostanzi huma prinċipalment żieda sostanzjali u f’daqqa fl-għadd ta’:

- ċittadini ta’ dak il-pajjiż terz li jinsabu li jkunu qed joqogħdu b’permanenza b’awtorizzazzjoni skaduta fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni b’mod illegali;
- applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi miċ-ċittadini ta’ dak il-pajjiż terz, meta żieda bħal din qiegħda twassal għal pressjonijiet speċifiċi fuq is-sistema tal-asil tal-Istat Membru;
- applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati, ippreżentati mill-Istat Membru lil dak il-pajjiż terz għaċ-ċittadini tiegħu stess.

Meta jinnotifika lill-Kummissjoni, l-Istat Membru jrid jiddikjara r-raġunijiet għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu, jipprovdi dejta u statistika rilevanti, kif ukoll jiddeskrivi miżuri preliminari li ħa biex jirrimedja s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni mbagħad tinforma kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Parlament Ewropew u teżamina s-sitwazzjoni u l-ambitu tal-problema (l-għadd ta’ Stati Membri milquta, l-impatt fuq is-sitwazzjoni ġenerali tal-migrazzjoni fl-Unjoni).

Il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li hija meħtieġa azzjoni, filwaqt li tqis il-konsegwenzi ta’ sospensjoni tal-eżenzjoni tal-viża għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-pajjiż terz ikkonċernat, filwaqt li taħdem f’kooperazzjoni mill-qrib ma’ dak il-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta’ Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 81, 21.03.2001, p. 1.

² COM(2011) 290 final.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 74.

pajjiż terz biex jinstabu soluzzjonijiet alternattivi fit-tul. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika biex tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat, għal perjodu ta' sitt xhur.

Qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu ta' sitt xhur, il-Kummissjoni trid tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva biex temenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 għat-trasferiment tal-pajjiż terz inkwistjoni lejn il-lista tal-pajjiżi li jirrikjedu viża (Anness I), biex b'hekk iċ-ċittadini tiegħu jkunu jeħtieġu l-viża b'mod permanenti. F'dan il-każ, is-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża tista' tiġi estiża b'perjodu massimu ta' 12-il xahar.

Fil-kuntest tas-sitwazzjoni migratorja attwali fl-Unjoni Ewropea u tal-konklużjoni b'suċċess tad-diversi djalogi dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża ma' pajjiżi ġirien (il-Ġeorġja, l-Ukraina, il-Kosovo, it-Turkija), diversi Stati Membri esprimew dubji dwar jekk il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viżi eżistenti jipprevedix il-flessibbiltà meħtieġa biex jaġixxi f'ċerti sitwazzjonijiet ta' urġenza. B'mod partikolari, huma sostnew li:

- ir-raġunijiet possibbli għal sospensjoni huma limitati wisq, u pereżempju ma jinkludux in-nuqqas ta' pajjiż terz milli jikkoopera dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għaddew bi tranżitu minn dak il-pajjiż terz, fejn ftehim ta' riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni jew Stat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernat jipprevedi tali obbligu ta' riammissjoni;
- l-inizjattiva li jiskatta l-mekkaniżmu ta' sospensjoni permezz ta' notifika, li fir-Regolament hija biss f'idejn l-Istati Membri, għandha tiġi estiża lill-Kummissjoni;
- il-perjodi ta' referenza u d-dati ta' skadenza huma twal wisq, u ma jippermettux għal reazzjoni rapida f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Filwaqt li qieset il-proposti reċenti tagħha għal-liberalizzazzjoni tal-viża fir-rigward tal-Ġeorgja⁴, l-Ukraina⁵, it-Turkija⁶ u l-Kosovo⁷ u d-diskussjonijiet reċenti mal-Istati Membri, il-Kummissjoni ddeċidet li tippreżenta proposta biex temenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 biex jiġi rivedut il-mekkaniżmu attwali ta' sospensjoni.

L-għan prinċipali huwa li jissaħħa l-mekkaniżmu ta' sospensjoni billi jagħmilha iktar faċli għall-Istati Membri li jinnotifikaw iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal sospensjoni possibbli u billi jippermetti lill-Kummissjoni biex tattiva l-mekkaniżmu bl-inizjattiva tagħha stess. B'mod partikolari, l-użu tal-mekkaniżmu għandu jkun iffaċilitat billi jitqassru l-perjodi ta' referenza u d-dati ta' skadenza li jippermettu għal proċedura aktar rapida u bl-estensjoni tar-raġunijiet possibbli ta' sospensjoni, li għandhom jinkludu żieda sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għaddew bi tranżitu minn dak il-pajjiż terz, fejn ftehim ta' riammissjoni konkluż mill-Unjoni jew minn Stat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernat jipprevedi tali obbligu ta' riammissjoni. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li tattiva l-mekkaniżmu f'każ li l-pajjiż terz jonqos milli jikkoopera fir-riammissjoni, b'mod partikolari fejn ftehim ta' riammissjoni jkun ġie konkluż bejn dak il-pajjiż terz u l-Unjoni.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 jelenka l-pajjiżi terzi li iċ-ċittadini tagħhom

⁴ COM(2016) 142 final.

⁵ COM(2016) 236 final.

⁶ COM(2016) 279 final.

⁷ COM(2016) 277 final.

għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn din il-ħtieġa. Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 jiġi applikat mill-Istati Membri kollha – bl-eċċezzjoni tal-Irlanda u tar-Renju Unit – u wkoll mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein, min-Norveġja u mill-Iżvizzera. Dan ir-Regolament huwa parti mill-politika komuni tal-UE dwar il-viżi għal soġġorni qosra sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Peress li l-proposta se temenda l-politika komuni tal-UE dwar il-viżi, il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-regolament propost se jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

• Sussidjarjetà, proporzjonalità u għażla ta' strument

Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 539/2001, huwa parti integrali tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi. L-oġettiv ta' tisħiħ ta' dan il-mekkaniżmu sabiex isir aktar effettiv, billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u billi jippermetti lill-Kummissjoni li tattivah bl-inizjattiva tagħha stess, jista' jinkiseb biss permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni, jiġifieri permezz ta' emenda għar-Regolament. L-Istati Membri ma jistgħux jaġixxu individwalment biex jinkiseb l-oġettiv tal-politika. L-ebda għażla oħra (mhux leġiżlattiva) biex jintlaħaq l-oġettiv tal-politika ma hi disponibbli.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-mekkaniżmu ta' sospensjoni eżistenti introdott f'Diċembru 2013, sa issa qatt ma ntuża; għalhekk l-ebda esperjenza Prattika bil-mekkaniżmu preżenti ma hija disponibbli. Madankollu, diversi Stati Membri sostnew li dan il-mekkaniżmu għadu qatt ma ntuża billi l-ostakli biex jiġi attivat huma għoljin wisq u l-iskadenzi huma twal wisq.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati

Il-ħtieġa għal salvagwardji addizzjonali wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi fil-viċinat tal-Unjoni ġiet diskussa mal-Istati Membri fi ħdan il-COREPER u fil-Grupp ta' Hídma dwar il-Viża. Fl-abbozzar ta' din il-proposta, tqiesu suġġerimenti informali mill-Istati Membri biex jiġi rivedut il-mekkaniżmu ta' sospensjoni.

• Valutazzjoni tal-impatt

Ir-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni bħala tali ma għandhiex xi impatti ekonomiċi diretti jew oħrajn. L-impatt politiku u ekonomiku tas-sospensjoni possibbli tal-eżenzjoni mill-viża għaċ-ċittadini ta' ċertu pajjiż terz jkollu jiġi vvalutat fid-dettall mill-Kummissjoni f'kull każ individwali meta din teżamina notifika minn Stat Membru u qabel ma tiddeċiedi jekk hix meħtieġa azzjoni. Għalhekk l-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija meħtieġa għal din il-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandhiex konsegwenzi negattivi għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

m/a

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se żżid il-monitoraġġ tagħha tas-sitwazzjoni fuq il-migrazzjoni u s-sigurtà li tirriżulta mid-deċizzjonijiet reċenti dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża sabiex tkun tista' tagħmel użu sħiħ mill-possibilitajiet ipprovduti mill-mekkaniżmu ta' sospensjoni rivedut fejn meħtieġ.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta għar-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni fl-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Id-definizzjoni taċ-ċirkostanzi li l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw lill-Kummissjoni ġiet emendata biex tiċċara li l-mekkaniżmu ta' sospensjoni ma jkunx jista' jintuża biss f'"sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħala l-aħħar rikors", iżda jkun jista' jintuża b'mod aktar ġenerali f'każ li l-liberalizzazzjoni tal-viża twassal għal żieda serja fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew fl-applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati.
- Il-perjodu ta' referenza biex din is-sitwazzjoni titqabbel ma' dik tas-sena ta' qabel jew ma' qabel il-liberalizzazzjoni tal-viża, tqassar minn sitt xhur għal xahrejn.
- Iż-żieda fil-migrazzjoni irregolari, fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew fl-għadd ta' applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati, li għandha tkun waħda "sostanzjali u f'daqqa", skont ir-regolament attwali, trid sempliċement tkun "sostanzjali" fil-proposta.
- Ir-raġunijiet għal sospensjoni possibbli li jistgħu jiġu notifikati għandhom jinkludu applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati għal ċittadini ta' pajjiż terz ieħor li jgħaddu bi tranżitu minn dan il-pajjiż terz, fejn ftehim ta' riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni jew Stat Membru u l-pajjiż terz ikkonċernat jipprovdidi għal tali obbligu ta' riammissjoni.
- Il-limitu ta' żmien (sa seba' snin) tal-possibbiltà biex jitqabblu s-sitwazzjoni attwali mas-sitwazzjoni qabel il-liberalizzazzjoni tal-viża qed jitneħħa.
- Il-Kummissjoni tingħata l-possibbiltà li tattiva l-mekkaniżmu ta' sospensjoni bl-inizjattiva tagħha stess jekk ikollha informazzjoni konkreta u kredibbli dwar ċirkustanza partikolari tkun xi tkun, li l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw, jew jekk il-pajjiż terz – b'mod aktar ġenerali – ma jkunx qed jikkoopera dwar ir-riammissjoni, b'mod partikolari fejn ftehim ta' riammissjoni fil-livell tal-UE jkun ġie konkluż ma' dak il-pajjiż terz. Dan in-nuqqas ta' koperazzjoni jista', pereżempju, jikkonsisti:
 - frifjut jew nuqqas ta' tweġiba għall-applikazzjonijiet tar-riammissjoni,

- f'nuqqas milli jinħarġu dokumenti tal-ivvjaġġjar għall-finijiet tar-ritorn fl-iskadenzi speċifikati fil-ftehim jew li ma jiġux aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġjar Ewropej maħruġa wara li jgħaddu l-iskadenzi speċifikati fil-ftehim,
 - fit-terminazzjoni jew is-sospensjoni tal-ftehim.
- Fejn il-Kummissjoni, wara li tkun eżaminat iċ-ċirkustanzi notifikati (jew li dwarhom hija tkun irċeviet informazzjoni konkreta u affidabbli), tiddeċiedi li hija meħtieġa azzjoni, l-iskadenza għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal pajjiż terz ikkonċernat titnaqqas minn tliet xhur għal xahar.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-
ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri
esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa**

(reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001⁸ jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-
ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri
esterni tal-Istati Membri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn din il-
ħtieġa.
- (2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-
viża għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament ("il-
mekkaniżmu ta' sospensjoni") għandu jissaħħa billi jagħmilha aktar faċli għall-Istati
Membri li jinnotifikaw iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal sospensjoni possibbli u billi
jippermetti lill-Kummissjoni tattiva l-mekkaniżmu fuq l-inizjattiva tagħha stess.
- (3) B'mod partikolari, l-użu tal-mekkaniżmu għandu jkun iffaċilitat billi jitqassru
l-perjodi ta' referenza u d-dati ta' skadenza li jippermettu proċedura aktar rapida u bl-
estensjoni tar-raġunijiet possibbli ta' sospensjoni, li għandhom jinkludu żieda
sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati għal ċittadini ta'
pajjiżi terzi li għaddew fi transitu mill-pajjiż terz ikkonċernat, fejn ftehim ta'
riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni jew Stat Membru u dak il-pajjiż terz jipprevedi
tali obbligu ta' riammissjoni. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li
tattiva l-mekkaniżmu f'każ li l-pajjiż terz jonqos milli jikkoopera fir-rigward tar-
riammissjoni, b'mod partikolari fejn ftehim ta' riammissjoni jkun ġie konkluż bejn il-
pajjiż terz ikkonċernat u l-Unjoni.
- (4) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta'
Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill

⁸

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-
ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-
ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa, ĠU L 81, 21.03.2001, p. 1.

2000/365/KE⁹. Ir-Renju Unit għalhekk mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(5) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹⁰. Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(6) Fir-rigward tal-Iżlanda u tan-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u tar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fit-taqsima msemmija fil-punt B tal-Artikolu 1, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE¹¹.

(7) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fit-taqsima msemmija fil-punt B tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE¹².

(8) Fir-rigward ta' Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt B tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqrija flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE¹³.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*Acquis* ta' Schengen, ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni, ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1 jitħassar dan il-ġej:

"f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħala l-aħħar alternattiva,"

(2) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Stat Membru jista' jinnotifika lill-Kummissjoni jekk jiġi kkonfrontat, fuq perjodu ta' xahrejn, meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti jew mal-aħħar xahrejn qabel l-implimentazzjoni tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għal ċittadini ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II, b'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin li ma jkunx jista' jirremedja waħdu, jiġifieri:

(a) żieda sostanzjali fl-għadd ta' ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li jinsabu li jkunu qed joqogħdu fit-territorju tal-Istat Membru mingħajr id-dritt għal dan;

(b) żieda sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għal ażil miċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz li għalih ir-rata ta' rikonoxximent hija baxxa;

(c) żieda sostanzjali fl-għadd ta' applikazzjonijiet għar-riammissjoni rifjutati, ippreżentati mill-Istat Membru lil dak il-pajjiż terz għaċ-ċittadini tiegħu stess jew, fejn ftehim ta' riammissjoni konkluż bejn l-Unjoni u dak l-Istat Membru, u dak il-pajjiż terz jipprevedi tali obbligu, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għaddew bi tranżitu minn dak il-pajjiż terz.

In-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha ssemmi r-raġunijiet li fuqha hija bbażata u għandha tinkludi data u statistika rilevanti kif ukoll spjegazzjoni dettaljata tal-miżuri preliminari li jkun ħa l-Istat Membru kkonċernat bil-ħsieb li jirrimedja s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minnufih dwar tali notifika."

(3) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Meta l-Kummissjoni jkollha informazzjoni kredibbli u konkreta taċ-ċirkustanzi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 2, jew dak il-pajjiż terz ma jkunx qed jikkooopera dwar ir-riammissjoni, b'mod partikolari fejn ftehim ta' riammissjoni jkun ġie konkluż bejn dak il-pajjiż terz u l-Unjoni, pereżempju:

- billi jiċħad jew ma jweġibx għal applikazzjonijiet ta' riammissjoni,
- billi jonqos milli jgħodgħ dokumenti tal-ivvjaġġar għall-finijiet tar-ritorn fi żmien l-iskadenzi speċifikati fil-ftehim jew li ma jiġux aċċettati dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej maħruġa wara li jgħaddu l-iskadenzi speċifikati fil-ftehim,
- jew billi jtemm jew jissospendi l-ftehim,

il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din l-informazzjoni tkun ekwivalenti għal notifika magħmula skont il-paragrafu 2."

(4) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni teżamina kull notifika magħmula skont il-paragrafu 2, filwaqt li tikkunsidra:

(a) jekk xi waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 2 u 2a tkunx preżenti;

(b) l-għadd ta' Stati Membri affettwati minn xi waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 2 u 2a;

(c) l-impatt globali taż-żidiet imsemmijin fil-paragrafu 2 fir-rigward tas-sitwazzjoni migratorja fl-Unjoni kif tkun tidher mid-dejta pprovduta mill-Istati Membri jew disponibbli lill-Kummissjoni;

(d) ir-rapporti mħejjija mill-[Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea], l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil jew l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), jekk iċ-ċirkustanzi jirrikjedu dan fil-każ speċifiku nnotifikat;

(e) il-kwistjoni ġenerali tal-ordni pubblika u s-sigurtà interna, f'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.

Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tal-eżami tagħha."

(5) fil-paragrafu 4, il-frażi "tliet xhur" jinbidel b'"xahar".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President